PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

PROVIŻORJU
2006/0142(COD)

23.5.2007

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi
(COM(2006)0403 – C6-0254/2006 – 2006/0142(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Henrik Lax

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .**Error! Bookmark not defined.**

NOTA SPJEGATTIVA .....**Error! Bookmark not defined.**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta ghal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi
(COM(2006)0403 – C6-0254/2006 – 2006/0142(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0403)[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 62 (2) (a) u (b) (ii) tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0254/2006),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0000/2007),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-proposta lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi tal-Parlament
	Emenda 1 Premessa 8
(8) Il-ftehimiet bilaterali konklużi bejn il-Komunità u l-pajjiżi terzi li għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi għal waqfiet qosra jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.	(8) Il-ftehimiet bilaterali konklużi bejn il-Komunità u l-pajjiżi terzi li għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi għal waqfiet qosra ***u biex isaħħu d-demokrazija u s-soċjetà ċivili,*** jistgħu jidderogaw mid-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. ***L-iffaċilitar tal-viża jista' jinkludi fost kwistjonijiet oħra li jitbaxxew l-ispejjeż tal-viża, iffaċilitar f'partijiet mill-proċedura tal-viża, eżenzjoni mill-użu***

[1] ĠU .../Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

	ta' data bijometrika u użu iżjed frekwenti ta' viżas b'iżjed minn dħul wieħed b'perjodu twil ta' validità. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni bikrija u ċara lill-Parlament Ewropew dwar dawn il-ftehimiet bilaterali.

Ġustifikazzjoni

L-għan ta' l-iffaċilitar tal-viża huwa wkoll li jsaħħaħ id-demokrazija u s-soċjetà ċivili bl-għajnuna ta' iżjed skambji u moviment bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi kkonċernati.

Emenda 2
Premessa 10

(10) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kwalità tas-servizz offrut lill-pubbliku huwa ***raġonevoli u jsegwiI prattiki amministrattivi tajba***. Għal dan l-għan għandhom jallokaw numri xierqa ta' impjegati mħarrġa kif ukoll riżorsi suffiċjenti.	(10) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kwalità tas-servizz offrut lill-pubbliku huwa ***ta' standard għoli, iqis il-perspettiva tal-konsumatur u jsegwi prattiki amministrattivi tajbin.*** Għal dan l-għan għandhom jallokaw numri xierqa ta' impjegati mħarrġa kif ukoll riżorsi suffiċjenti.

Ġustifikazzjoni

Il-proċedura ta' l-applikazzjoni tal-viża għandha ssir b'mod li tiffaċilita l-użu tal-konsumatur għall-aħjar servizz possibbli.

Emenda 3
Premessa 11

(11) ***L-integrazzjoni ta' l-identifikaturi bijometriċi huwa pass importanti lejn l-użu ta' elementi ġodda, li jistabbilixxu konnessjoni aktar ta' min jistrieħ fuqha bejn id-detentur tal-viża u l-passaport biex ikunu evitati identitajiet foloz. Għalhekk id-dehra personali ta' l-applikant għal viża - għall-inqas għall-ewwel applikazzjoni – għandha tkun waħda mir-rekwiżiti bażiċi għall-ħruġ ta' viża bir-reġistrazzjoni ta' l-identifikaturi bijometriċi fis-Sistema ta' Informazzjoni għall-Viża VIS; l-applikanti għall-ewwel darba m'għandhomx jitħallew***	(11) ***L-identifikaturi bijometriċi jistabbilixxu rabta aħjar li wieħed jista' joqgħod fuqha bejn id-detentur tal-viża u l-passaport sabiex jiġu evitati identitajiet foloz.***

jissottomettu applikazzjonijiet permezz ta' intermedjarji kummerċjali, bħall-aġenziji ta' l-ivvjaġġar.

Ġustifikazzjoni

Ir-rapporteur jixtieq jevita dikjarazzjoni assoluta fir-Riżoluzzjoni għax per eżempju fil-ftehimiet bilaterali, l-applikazzjoni ta' identifikaturi bijometriċi tista' ma tkunx permessa.

Emenda 4
Premessa 13

(13) L-applikant għandu jidher personalment għall-ewwel reġistrazzjoni ta' l-identifikaturi bijometriċi. Sabiex tkun iffaċilitata l-proċedura ta' kwalunkwe applikazzjoni sussegwenti, għandu jkun possibbli li d-data bijometrika tiġi kkupjata mill-ewwel applikazzjoni fi żmien ***48 xahar*** meta jitqies il-perjodu ta'żamma stabbilit fill-VIZ. Wara dan il-perjodu, l-identifikaturi bijometriċi għandhom jerġgħu jinġabru.	(13) L-applikant għandu jidher personalment għall-ewwel reġistrazzjoni ta' l-identifikaturi bijometriċi. Sabiex tkun iffaċilitata l-proċedura ta' kwalunkwe applikazzjoni sussegwenti, għandu jkun possibbli li d-data bijometrika tiġi kkupjata mill-ewwel applikazzjoni fi żmien ***60 xahar*** meta jitqies il-perjodu ta'żamma stabbilit fill-VIZ. Wara dan il-perjodu, l-identifikaturi bijometriċi għandhom jerġgħu jinġabru.

Ġustifikazzjoni

Estensjoni tal-perjodu ta' żmien f'60 xahar, li fih id-data bijometrika tista' tiġi kkuppjata mill-ewwel applikazzjoni, tikkorrispondi ma' l-għan tal-ħruġ ta' viżi b'perjodu ta' żmien itwal u objettivi oħra stipulati fl-emendi tar-rapporteur.

Emenda 5
Premessa 15 a (ġdida)

	(15a) Ladarba parti minn dawk il-miżuri huma ta' skop ġenerali u huma ddisinnjati biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament jew biex jissupplimentaw dan ir-Regolament biż-żieda ta' elementi mhux essenzjali ġodda, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju provduta fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Ġustifikazzjoni

Id-Deċiżjoni 1999/468/KE ġiet emendata mid-Deċiżjoni 2006/512/KE, li introduċiet il-proċedura regolatorja bi skrutinju għal miżuri ta' skop ġenerali bil-għan li temenda elementi mhux essenzjali ta' strument bażiku adottat skond il-proċedura ta' kodeċiżjoni msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat, inkluż billi jitħassru ftit minn dawk l-elementi jew jiġu ssuplimentati biż-żieda ta' elementi mhux essenzjali. Għalhekk għandha tapplika kull fejn hemm bżonn f'dan ir-regolament. Ara wkoll l-emendi 53, 55 u 56.

Emenda 6
Artikolu 2, paragrafu 3, punt (a)

(a) "viża għal żjara qasira" (viża tat-tip "C") li tintitola lid-detentur jieqaf għal perjodu ta' mhux aktar minn ***tliet xhur*** f'kull perjodu ta' sitt xhur mill-ewwel data tad-dħul fit-territorji ta' l-Istati Membri;	(a) "viża għal żjara qasira" (viża tat-tip "C") li tintitola lid-detentur jieqaf għal perjodu ta' mhux aktar minn ***total ta' 90 ġurnata*** f'kull perjodu ta' sitt xhur mill-ewwel data tad-dħul fit-territorji ta' l-Istati Membri;

Ġustifikazzjoni

Kjarifika. L-ewwel, hemm bżonn li jiġi ċċarat li din tirreferi għat-total globali ta' żjarat qosra u t-tieni, id-definizzjoni '90 ġurnata' meta mqabbla ma' 'tliet xhur' toħloq ċertezza legali f'qasam li f'ħafna okkażjonijiet esperjenzat differenzi ta' interpretazzjoni fil-prattika.

Emenda 7
Artikolu 2, paragrafu 3, punt (b)

(b) "viża għal tranżitu" (viża tat-tip "B") li tintitola lid-detentur, li jivvjaġġa minn pajjiż terz għal ieħor, jgħaddi mit-territorji ta' l-Istati Membri, darba, darbtejn, jew eċċezzjonalment diversi drabi, kull tranżitu li ma *jeċċedix* il-ħamest ijiem;	(b) "viża għal tranżitu" (viża tat-tip "B") li tintitola lid-detentur, li jivvjaġġa minn pajjiż terz għal ieħor, jgħaddi mit-territorji ta' l-Istati Membri, darba, darbtejn, jew eċċezzjonalment diversi drabi, kull tranżitu li ma *jaqbiżx* il-ħamest ijiem ***u t-tul totali taż-żjara fit-territorji ta' l-Istati Membri li ma jaqbiżx 90 ġurnata f'perjodu ta' 180 ġurnata mill-ewwel jum tad-dħul***;

Ġustifikazzjoni

M'għandux ikun possibbli li tintuża viża ta' tranżitu biex fil-fatt tingħata żjara itwal b'viża għal perijodu qasir. (Eżempju: nies li jaqsmu l-fruntiera fejn ftit minnhom jaqsmu l-fruntiera kuljum).

Kjarifika. L-ewwel, hemm bżonn li jiġi ċċarat li din tirreferi għat-total globali ta' żjarat qosra u t-tieni, id-definizzjoni '90 ġurnata' meta mqabbla ma' 'tliet xhur' toħloq ċertezza legali f'qasam li f'ħafna okkażjonijiet esperjenzat differenzi ta' interpretazzjoni fil-prattika.

Emenda 8
Artikolu 4, paragrafu 1

1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom japplikaw għal viża fil-missjoni diplomatika jew fil-post konsulari ta' Stat Membru ***fil-pajjiż tar-residenza tagħhom***.	1. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi għandhom japplikaw għal viża fil-missjoni diplomatika jew fil-post konsulari ta' Stat Membru ***li huwa responsabbli għall-ħruġ ta' viżi għall-pajjiżi terzi msemmija.***

Ġustifikazzjoni

M'hemmx rappreżentazzjoni fil-pajjiżi terzi kollha u għalhekk missjonijiet diplomatiċi u postijiet konsulari huma s-soltu f'idejn stati ġirien.

Emenda 9
Artikolu 5, paragrafu 1, punt (a)

a) il-missjoni diplomatika jew il-post konsulari ta' ***l-***Istat Membru li fit-territorju tiegħu tinsab ***l-unika*** destinazzjoni ***jew id-destinazzjoni ewlenija*** taż-żjara, jew	a) il-missjoni diplomatika jew il-post konsulari ta' ***wieħed mill-***Istat Membru li fit-territorju tiegħu tinsab ***id-***destinazzjoni taż-żjara, jew

Ġustifikazzjoni

An extension of the interpretation of the principle of country of main destination enabling applicants to apply for a visa at any of the Schengen Member States diplomatic mission or consular post in whose territory the destination of the applicants visit is located is a change which better reflects modern travelling and habits. Roundtrips are progressively becoming more popular. The present restrictive interpretation of the principle of main destination does in many cases not correspond to the actual behaviour of the modern traveller. It is essential to introduce a broader possibility to apply for a visa at another diplomatic mission or consular post in the territory of the Member States which the applicants intend to visit.

The application procedure shall be the same in all Member States and the Local Consular Cooperation shall further harmonize the application procedure. The application of the new visa code will eliminate the incentives for visa-shopping.

Also in order to give the Schengen area a common face, the perception of the country of main destination has to be broader.

The decisions by the Executive Committee concerning the Convention Implementing the Schengen Agreement Article 12.3 stating that the Executive Committee shall specify the

implementing arrangements and in particular, the criteria for determining the main destination, shall be brought in consistency with the current visa code.

Emenda 10
Artikolu 5, paragrafu 1, punt (b)

b) ***jekk l-Istat Membru tad-destinazzjoni ewlenija ma jistax jiġi determinat, il-missjoni diplomatika jew il-post konsulari ta' l-Istat Membru li d-detentur tal-viża jaqsam il-fruntiera esterna tiegħu biex jidħol fit-territorju ta' l-Istati Membri.***	b) ***Jekk il-pajjiż ta' destinazzjoni ma jkollux rappreżentanza fid-distanza ta' 200km, l-applikant għandu d-dritt li japplika għal viża f'missjonijiet diplomatiċi jew f'postijiet konsulari ta' Stat Membru ieħor ta' Schengen li jkunu jinsabu eqreb ta' fejn joqgħod l-applikant mill-missjoni diplomatika jew il-post konsulari tal-pajjiż ta' destinazzjoni.***

Ġustifikazzjoni

In many places long distances to the diplomatic missions or consular posts cause considerable problems for the applicants. Further problems might appear if the applicant is required to visit the diplomatic missions or consular posts several times. It is thus important to simplify the application procedure for visa by enabling applicants to apply at another Schengen Member State's diplomatic mission or consular post which is located closer to the applicants domicile when the country of destination do not have diplomatic missions or consular posts within a distance of 200 km.

The application procedure shall be the same in all Member States and the Local Consular Cooperation shall further harmonize the application procedure. The application of the new visa code will eliminate the incentives for visa-shopping.

Emenda 11
Artikolu 5, paragrafu 1, subparagrafu 2

Meta ssir applikazzjoni għal *viża* bi dħul multiplu, ***l-Istat Membru tad-destinazzjoni tas-soltu għandu jkun responsabbli biex tkun ipproċessata l-applikazzjoni. Dawn il-viżi*** *jistgħu jinħarġu* biss fil-pajjiż tar-residenza ta' l-applikant.	*Viża* bi dħul multiplu *tista' tinħareġ* biss fil-pajjiż tar-residenza ta' l-applikant ***sakemm l-applikant jagħti, f'każ partikolari, raġunijiet importanti u konvinċenti li jkunu jirrikjedu eċċezzjoni***. ***F'każijiet eċċezzjonali, il-viża tista' tinħareġ ukoll fi stat ieħor bil-kunsens minn qabel tal-missjoni diplomatika jew tal-post konsulari responsabbli għall-pajjiż ta' residenza ta' l-applikant.***

Ġustifikazzjoni

Deroga għall-benefiċċju ta' l-applikant. Irid ikun possibbli li jkun hemm livell ta' flessibilità - fi ħdan limiti dojoq.

Eżempju: Vjaġġatur għal raġunijiet ta' negozju li jattendi kungress f'Londra li għandu bżonn iżomm appuntamenti li jkunu għadhom mhux skedati f'numru ta' pajjiżi ta' Schengen.

Emenda 12
Artikolu 7, paragrafu 2 a (ġdid)

	2a. Meta d-distanza lejn il-missjoni diplomatika jew il-post konsulari ta' Stat Membru tkun iżjed minn 200km, dak l-Istat Membru huwa obligat li jikkonkludi arranġamenti dwar ir-rappreżentanza ma' Stat Membru ieħor irrappreżentat f'distanza eqreb, jekk ikun hemm wieħed.

Ġustifikazzjoni

Sabiex tiġi permessa l-faċilitazzjoni ta' l-applikazzjoni tal-viża għal applikanti bi vjaġġ ta' iżjed minn 200km għall-eqreb missjoni diplomatika jew post konsulari, huwa essenzjali għall-Istati Membri ta' Schengen li jagħmlu arranġamenti dwar ir-rappreżentanza ma' Stati Membri oħrajn irrappreżentati f'distanza eqreb.

Emenda 13
Artikolu 10, paragrafu 1

1. L-applikazzjonijiet għandhom ikunu *sottomessi* mhux aktar minn ***tliet xhur*** qabel il-bidu taż-żjara ppjanata.	1. L-applikazzjonijiet għandhom ikunu sottomessi mhux aktar minn ***sitt xhur*** qabel il-bidu taż-żjara ppjanata.

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li tiġi permessa l-preżentazzjoni ta' applikazzjoni fi stadju iżjed qrib, eż. is-soltu, gruppi kbar jew turisti jibdew jippjanaw il-vjaġġ minn kmieni.

Emenda 14
Artikolu 10, paragrafu 2

2. L-applikanti jistgħu jkunu meħtieġa jiksbu appuntament *għas-sottomissjoni* ta' applikazzjoni. Għal dan l-appuntament jista' jsiru arranġamenti direttament mal-missjoni diplomatika jew mal-post	2. L-applikanti jistgħu jkunu meħtieġa jiksbu appuntament *għall-preżentazzjoni* ta' applikazzjoni. Għal dan l-appuntament jista' jsiru arranġamenti direttament mal-missjoni diplomatika jew mal-post

konsulari jew fejn applikabbli, permezz ta' intermedjarju. L-appuntament għandu jseħħ fi żmien ġimagħtejn.	konsulari jew fejn applikabbli, permezz ta' intermedjarju. L-appuntament għandu ***bħala regola*** jseħħ fi żmien ġimagħtejn

Ġustifikazzjoni

Fil-prattika, l-istipulazzjoni riġida 'fi żmien ġimagħtejn' mhijiex waħda li tista' tinżamm minkejja l-fatt li proċessar mgħaġġel huwa mixtieq.

Emenda 15
Artikolu 11, paragrafu 2

2. Għal kwalunkwe applikazzjoni sussegwenti l-identifikaturi bijometriċi għandhom jiġu *kkupjati* mill-ewwel applikazzjoni, jekk l-aħħar dħul ma jkunx aktar antik minn ***48 xahar***. Wara dan il-perjodu, applikazzjoni sussegwenti għandha titqies bħala "l-ewwel applikazzjoni".	2. Għal kwalunkwe applikazzjoni sussegwenti l-identifikaturi bijometriċi għandhom jiġu *kkuppjati* mill-ewwel applikazzjoni, jekk l-aħħar dħul ma jkunx aktar antik minn ***60 xahar***. Wara dan il-perjodu, applikazzjoni sussegwenti għandha titqies bħala "l-ewwel applikazzjoni".

Ġustifikazzjoni

Estensjoni tal-perjodu ta' żmien f'60 xahar, li fih id-data bijometrika tista' tiġi kkuppjata mill-ewwel applikazzjoni, tikkorrispondi ma' l-għan tal-ħruġ ta' viżi b'perjodu ta' żmien itwal u objettivi oħra stipulati fl-emendi tar-rapporteur.

Emenda 16
Artikolu 12, paragrafu 1, punt (b)

b) jippreżenta dokument ta' l-ivvjaġġar validu li d-data ta' l-iskadenza tiegħu ***trid*** tkun mill-inqas tliet xhur wara t-tluq maħsub mit-territorju ta' l-Istati Membri, u li fih paġna waħda jew aktar liberi għat-twaħħil tal-viża;	b) jippreżenta dokument ta' l-ivvjaġġar validu li d-data ta' l-iskadenza tiegħu ***għandha*** tkun mill-inqas tliet xhur wara t-tluq maħsub mit-territorju ta' l-Istati Membri, u li fih paġna waħda jew aktar liberi għat-twaħħil tal-viża;

Ġustifikazzjoni

Din tippermetti lill-awtorità għall-ħruġ tal-viżi ftit spazju biex taħdem fl-interessi ta' l-applikant.

Emenda 17
Artikolu 14, paragrafu 1, parti introduttorja

1. L-applikant għal viża *għandu* ***jipproduċu*** d-dokumenti li ġejjin:	1. L-applikant għal viża *għandu* ***jippruvdi*** d-dokumenti li ġejjin:

Ġustifikazzjoni

Il-kelma 'jippruvdi' taqbel iżjed ma' l-azzjoni preċiża ta' l-applikant.

Emenda 18
Artikolu 14, paragrafu 1, subparagrafu 2 a (ġdid)

L-applikanti huma eżentati milli jiġu mitluba li jippruvdu dokumenti rigward l-akkomodazzjoni [u l-istedina] qabel ma japplikaw għal viża jekk jistgħu jippruvaw li għandhom mezzi suffiċjenti ta' għajxien u ta' akkomodazzjoni fl-Istati Schengen jew fi Stati li huma ppjanaw li jżuru u fejn ma jkunx hemm dubju dwar il-bona fide ta' l-applikant.

Ġustifikazzjoni

Mhux rekwiżit proporzjonat li tirrikjedi li l-vjaġġi ikunu ppjanati minn qabel f'kull dettal. L-applikant f'ħafna każi jintalab li jkun jaf id-dettalji ta' l-akkomodazzjoni u ta' l-itinerarji qabel it-tluq. Huwa biżżejjedk li l-applikant jista' juri li għandu mezzi suffiċjenti ta' għajxien u ta' akkomodazzjoni fejn ma jkun hemm dubju dwar il bona fede ta' l-applikant. Għandu jkun aċċettabbli li parti mill-vjaġġ ma jkollux persuna kkonfermata li tilqgħu, lukanda jew indirizz temporanju. Ir-rekwiżit li wieħed jippruvdi ħafna dokumenti dwar il-vjaġġ joħloq prattiki ta' korruzzjoni.

Emenda 19
Artikolu 14, paragrafu 3 a (ġdid)

3a. Jekk il-missjoni diplomatika jew il-post konsulari jitolbu traduzzjoni tad-dokumenti ta' verifika, l-applikant għandu d-dritt li jippruvdihom fil-lingwa(i) uffiċjali tal-pajjiż ospitanti jew inkella bl-Ingliż jew bil-Franċiż.

Ġustifikazzjoni

Id-diffikultà li wieħed isib tradutturi uffiċjali li jafu uħud minn dawn il-lingwi mhux tant komuni qed tkun ostaklu reali f'ħafna postijiet, li jista' jiġi evitat b'regoli prammatiċi dwar il-lingwa.

Emenda 20
Artikolu 15, paragrafu 3, parti introduttorja

3. L-assigurazzjoni trid tkun valida fit-territorju kollu ta' l-Istati Membri u trid tkopri l-perjodu kollu tal-waqfa jew tat-tranżitu tal-persuna. Il-kopertura minima għandha tkun ta' EUR ***30 000***.	3. L-assigurazzjoni trid tkun valida fit-territorju kollu ta' l-Istati Membri u trid tkopri l-perjodu kollu tal-waqfa jew tat-tranżitu tal-persuna. Il-kopertura minima għandha tkun ta' EUR ***20 000***.

Ġustifikazzjoni

Kopertura minima ta' EUR 30 000 hi eċċessiva. Kopertura minima ta' EUR 20 000 hi biżżejjed biex tkopri l-ispejjeż li jistgħu jirriżultaw f'każ ta' ripatrijazzjoni għal raġunijiet mediċi, attenzjoni medika urġenti u/jew trattament ta' emerġenza fi sptar.

Emenda 21
Artikolu 15, paragrafu 10 a (ġdid)

	10a. Il-konsulati għandhom japprovaw biss assikurazzjoni medika ta' vjaġġar meta l-kumpanija ta' l-assikurazzjoni in kwistjoni tħalli l-applikant jikkanċella l-assikurazzjoni mingħajr spejjeż żejda, jekk l-applikazzjoni tal-viża tkun rifjutata.

Ġustifikazzjoni

F'każ li l-applikazzjoni tkun rifjutata l-applikant għandu d-dritt li jikkanċella, mingħajr spejjeż żejda, l-assikurazzjoni li m'għadhiex neċessarja.

Emenda 22
Artikolu 16, paragrafu 1

1. Meta jippreżentaw applikazzjoni għal-viża, l-applikanti għandhom iħallsu tariffa amministrattiva ta' EUR *60* , ***li tikkorrispondi ma' l-ispejjeż amministrattivi ta' l-ipproċessar ta' l-applikazzjoni.*** It-tariffa għandha tiġi imposta f'EURO jew fil-munita nazzjonali tal-pajjiż terz fejn issir l-applikazzjoni mingħajr il-possibbiltà ta' rifużjoni.	1. Meta jippreżentaw applikazzjoni għal-viża, l-applikanti għandhom iħallsu tariffa amministrattiva ta' ***EUR 35*** . It-tariffa għandha tiġi imposta f'EURO jew fil-munita nazzjonali tal-pajjiż terz fejn issir l-applikazzjoni mingħajr il-possibbiltà ta' rifużjoni

Ġustifikazzjoni

It-tariffa ġdida ta' EUR 60 tagħmel ħsara lill-isem-l-Unjoni Ewropea għaliex din se tidher kontradittorja mad-dikjarazzjonijiet frekwenti li jsiru ta' relazzjonijiet ta' ħbiberija ma' pajjiżi terzi. Barra minn hekk l-ispejjeż reali tal-viża huma ogħla mit-tariffa tal-viża, mill-ispejjeż ta' l-assikurazzjoni medika għall-ivvjaġġar, kif ukoll mill-ispejjeż ta' xogħol neċessarju biex issir viża.

L-Unjoni Ewropea ma tistax f'dan il-kuntest tiġi mqabbla ma' l-Istati Uniti, li huma ferm il bogħod ġeografikament. L-Unjoni Ewropea għandha fruntieri komuni mal-pajjiżi li minnhom jiġu ħafna mit-turisti u l-viżitaturi tagħha. Għall-UE hu importanti li jkollha tariffa fuq il-viża relattivament baxxa u proporzjonata.

Emenda 23
Artikolu 16, paragrafu 4, punt (a)

a) it-tfal li għandhom ***inqas minn 6 snin***;	a) it-tfal li għandhom ***inqas minn 12-il sena***;

Ġustifikazzjoni

It-tfal normalment jivjaġġaw mal-ġenituri tagħhom. Jekk familja tħallas tariffa separata tal-viża għat-tfal kollha l-ispiża totali ta' l-applikazzjoni ssir sproporzjonata.

Emenda 24
Artikolu 16, paragrafu 4, punt (c a) (ġdid)

	ca) parteċipanti ta' programmi uffiċjali ta' skambju,

Ġustifikazzjoni

Għandhom ikunu nkoraġġiti programmi uffiċjali ta' skambju bejn pajjiżi terzi u l-Istati Membri ta' Schengen billi titneħħa t-tariffa amministrattiva għall-viżi.

Emenda 25
Artikolu 16, paragrafu 4, punt (c b) (ġdid)

	cb) parteċipanti f'avvenimenti sportivi jew kulturali internazzjonali taż-żgħażagħ u persuni li jakkompanjawhom,

Ġustifikazzjoni

Parteċipazzjoni f'avvenimenti sportivi jew kulturali internazzjonali taż-żgħażagħ għandhom

ikunu inkoraġġiti billi titneħħa t-tariffa amministrattiva għall-viżi. Sabiex ikunu appoġġjati attivitajiet taż-żgħażagħ il-persuni li jakkompanjawhom għandhom jirċievu l-istess vantaġġ.

Emenda 26
Artikolu 16, paragrafu 4, punt (c c) (ġdid)

cc) persuni li jagħtu prova li għandhom bżonn jivvjaġġaw fuq bażi umanitarja, inkluż li jirċievu trattament mediku u l-persuni li jakkumpanjawhom.

Ġustifikazzjoni

Hu importanti li jkun hemm tneħħija tat-tariffa ta' l-applikazzjoni fuq bażi umanitarja, inkluż il-bżonn li jirċevu trattament mediku urġenti u t-tneħħija tat-tariffa għall-persuni li jakkumpanjawhom. Dan għaliex l-Unjoni Ewropea hi komunità bbażata fuq is-solidarjetà b'responsabiltà umanitarja qawwija.

Emenda 27
Artikolu 18, paragrafu 2

2. Jekk hemm kwalunke dubju dwar l-għan tal-waqfa ta' l-applikant jew dwar l-intenzjoni tar-ritorn, jew dwar id-dokumentazzjoni sottomessa, l-applikant jista' jissejjaħ għal intervista fil-missjoni diplomatika jew fil-post konsulari ta' l-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' l-applikazjoni, biex jipprovdi informazzjoni addizzjonali.	2. Jekk hemm kwalunke dubju dwar l-għan tal-waqfa ta' l-applikant jew dwar l-intenzjoni tar-ritorn, jew dwar id-dokumentazzjoni sottomessa, l-applikant jista' jissejjaħ għal intervista fil-missjoni diplomatika jew fil-post konsulari ta' l-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' l-applikazjoni, biex jipprovdi informazzjoni addizzjonali. ***Kull applikazzjoni għandha tiġi evalwata b'mod individwali skond il-merti tagħha stess irrispettivament mir-raġuni tal-vjaġġ.***

Ġustifikazzjoni

Hu importanti li l-applikazzjonijiet kollha jkunu analizzati irrispettivament mill-iskop ta' l-ivjaġġar. Il-merti għandhom ikunu l-fatturi deċisivi meta jinħarġu l-viżi. Attwalment ħafna konsulati jirrifjutaw sistematikament applikazzjoni għall-viża turistika.

Emenda 28
Artikolu 18, paragrafu 2, punt (a) (ġdid)

a) Meta jkun meħtieġ li applikant jissejjaħ

għal intervista, applikanti li għandhom distanzi eċċezzjonalment twal jew itinerarju inkonvenjenti biex jaslu fil-missjoni diplomatika jew fil-post konsulari huma intitolati għal proċedura one-stop. Il-koperazzjoni konsulari lokali tieħu deċiżjonijiet dwar ir-rekwiżiti biex wieħed ikollu proċeduri one-stop.

Ġustifikazzjoni

Hi soluzzjoni raġjonevoli li tkun simplifikata l-proċedura għall-applikazzjoni tal-viża għal persuni li għandhom distanzi eċċezzjonalment twal jew itinerarji eċċezzjonalment inkonvenjenti lejn il-missjoni diplomatika jew il-post konsulari.

Il-koperazzjonijiet lokali konsulari għandhom janalizzaw f'liema każi għandha tintuża proċedura one-stop u f'liema le. L-applikanti kollha għandhom ikollhom aċċess għall-informazzjoni li turi jekk il-proċedura one-stop tapplikax għalihom jew le. F'ħafna postijiet id-distanzi twal huma problema, li tagħmilha aktar ikkumplikata meta trid tidher diversi drabi quddiem il-konsolat. Il-proċedura one-stop għandha l-ewwelnett tiġi applikata għal persuni li għandhom distanzi twal biex jaslu għand il-konsolat.

Emenda 29
Artikolu 18, paragrafu 2, punt (b) (ġdid)

b) It-talba għal intervista tista' tkun imneħħija fejn l-applikant ikun magħruf sew jew fejn id-distanza mill-missjoni diplomatika jew mill-post konsulari tkun twila wisq, bil-kundizzjoni li ma jkunx hemm dubju dwar il-bona fide ta' l-applikant u fil-każ ta' vjaġġi ta' gruppi, persuna magħrufa u affidabbli tkun tista' tidħol responsabbli għall-bona fide tal-persuni konċernati.

Ġustifikazzjoni

Meta l-applikant hu vjaġġatur bona fide, bħal dawk fis-sitwazzjonijiet imsemmija hawn fuq, il-proċeduri jeħtieġ li, kemm hu possibbli, ikunu mingħajr diffikultajiet . Din il-possibbiltà tinstab ukoll fl-istruzzjonijiet komuni konsulari attwali.

Emenda 30
Artikolu 18, paragrafu 2, punt (c) (ġdid)

	c) Intervisti bit-telefown u sejħiet bil-vidjo jistgħu jkunu permessi f'każi limitati fejn l-applikant hu magħruf sew, jew fejn id-distanza mill-missjoni diplomatika jew mill-post konsulari hi twila wisq.

Ġustifikazzjoni

Fejn id-distanza mill-missjoni diplomatika jew mill-post konsulari hi twila wisq, u jkun hemm bżonn ta' intervista, għandu jkun possibbli li ssir bit-telefown jew permezz ta' sejħa bil-vidjo. Dan biex tkun faċilitata il-proċedura ta' l-applikazzjoni.

Emenda 31
Artikolu 18, Paragrafu 4, Punt (b)

b) li l-persuna ma tikkostitwix periklu għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà interna, għas-saħħa pubblika jew għar-relazzjonijiet internazzjonali ta' kwalunkwe Stat Membru billi tikkonsulta lill-SIS u lid-databases nazzjonali;	b) li l-persuna ma tikkostitwix periklu għall-ordni pubbliku, għas-sigurtà interna, għas-saħħa pubblika jew għar-relazzjonijiet internazzjonali ta' kwalunkwe Stat Membru billi tikkonsulta lill-SIS u, ***fejn permess mil-liġi nazzjonali,*** lid-databases nazzjonali;

Emenda 32
Artikolu 20, paragrafu 3, parti introduttorja

3. Il-viżi bi dħul multiplu, li jintitolaw lid-detentur għal diversi dħul, żjarat ta' tliet xhur jew diversi tranżiti matul kwalunkwe nofs ta' sena, jistgħu jinħarġu b'perjodu ta' validità ta' massimu ta' 5 snin	3. ***Il-missjoni diplomatika jew il-post konsulari għandhom joħorġu viża għal tul ta' żmien bi dħul multiplu b'validità ta' 6 xhur f'każ li l-applikazzjoni tkun approvata. Viża bi dħul singolu jew viża b'perjodu aktar limitat ta' validità tista' tinħareġ jew il-missjoni diplomatika jekk il-post konsulari jqis li hi aktar xierqa bi qbil ma' l-Artikolu 20(3) (b).*** Il-vii bi dħul multiplu, li jintitolaw lid-detentur għal diversi dħul, żjarat ta' tliet xhur jew diversi tranżiti matul kwalunkwe nofs ta' sena, jistgħu jinħarġu b'perjodu ta' validità ta' massimu ta' 5 snin

Ġustifikazzjoni

Ir-Renju Unit u l-Istati Uniti normalment joħorġu viża bi dħul multiplu. Ir-Rapporteur iqis li l-Istati Membri ta' Schengen għandhom isegwu dan l-eżempju. Viżi bi dħul multiplu b'perjodu

itwal ta' validità jgħinu biex jonqos il-piż tal-ħidma tal-konsulati u jkunu aktar proporzjonati fir-rigward tal-proċedura diffiċli ta' l-applikazzjoni għall-viża.

Emenda 33
Artikolu 20, paragrafu 3, punt (a)

a) il-bżonn ta' l-applikant li jivvjaġġa ta' spiss u/jew regolarment minħabba l-istat okkupazzjonali jew familjari tiegħu/tagħha, bħan-negozjanti, l-impjegati taċ-Ċivil li jkollhom kuntatti uffiċjali regolari ma' l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Komunità, il-membri tal-familja taċ-ċittadini ta' l-Unjoni, il-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li joqogħdu fl-Istati Membri, il-baħħara,	a) il-bżonn ta l-applikant li jivvjaġġa ta spiss u/jew regolarment minħabba l-istat okkupazzjonali jew familjari tiegħu/tagħha, bħan-negozjanti, l-impjegati taċ-Ċivil li jkollhom kuntatti uffiċjali regolari ma l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Komunità, il-membri tal-familja taċ-ċittadini ta l-Unjoni, il-membri tal-familja ta ċittadini ta pajjiżi terzi li joqogħdu fl-Istati Membri, il-baħħara, ***is-sewwieqa professjonali, parteċipanti ta' programmi ta' skambju, ta' attivitajiet oħra regolari tas-soċjetà ċivili u applikanti li huma konformi kompletament mal-kundizzjonijiet stabiliti għall-viżi bi qbil ma' l-Artikolu 45.***

Ġustifikazzjoni

Sewwieqa professjonali, parteċipanti ta' programmi ta' skambju għandhom ikunu kkunsidrati meta tittieħed deċiżjoni biex jinħarġu viżi bi dħul multiplu, li jagħtu dritt lill-persuna kkonċernata għal dħul għal diversi drabi. Dan għaliex is-sewwieqa professjonali jagħmlu parti minn grupp professjonali b'kuntratti frekwenti u bbażati fuq in-negozju ma' l-Istati Membri ta' Schengen. Parteċipanti ta' programmi ta' skambju għandu jkollhom l-istess vantaġġi sabiex tkun faċilitata l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri ta' Schengen u pajjiżi terzi. Grupp ieħor hu applikanti li jikkonformaw kompletament mal-kundizzjonijiet stipulati għall-viżi bi qbil ma' l-Artikolu 45. Li tkun aktar faċli għal persuni bi storja ta' viża nadifa jgħin biex jiġi evitat li gruppi mhux imniżżla fil-listi t'hawn iħossuhom diskriminati.

Emenda 34
Artikolu 21, paragrafu 1, parti introduttorja

1. ***Viża b'validità territorjali limitata (LTV - limited territorial validity) għandha tinħareġ eċċezzjonalment fil-każijiet li ġejjin:***	1. ***Fejn ir-rekwiżiti għal viża stipulati fl-Artikolu 18 ma' jiġux kollha milħuqa, il-viża għandha bħala regola ġenerali tkun riffjutata. Fuq bażi individwali viża b'validità territorjali limitata tista' tinħareġ b'mod eċċezzjonali f'dawn il-każi li ġejjin:***

Ġustifikazzjoni

Kjarifikazzjoni: Għandu jkun żgurat li dawn il-viżi jkunu eċċezzjonijiet għaliex in-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni jagħmilha kważi impossibbli biex tkun verifikata l-konformità mal-limitazzjoni territorjali.

Emenda 35
Artikolu 21, paragrafu 2

2. L-awtoritajiet ċentrali ta' l-Istat Membru li l-missjoni diplomatika jew l-uffiċju konsulari tiegħu tkun ħarġet l-LTVs fil-każijiet deskritti fil-punti (a) u (b) ta' l-ewwel sotto-paragrafu ta' paragrafu 1 għandhom minnufih jiċċirkolaw l-informazzjoni rilevanti lill-awtoritajiet ċentrali ta' l-Istati Membri l-oħrajn.	2. L-awtoritajiet ċentrali ta' l-Istat Membru li l-missjoni diplomatika jew l-uffiċju konsulari tiegħu tkun ħarġet l-LTVs fil-każijiet deskritti fil-punti (a) u (b) ta' l-ewwel sotto-paragrafu ta' paragrafu 1 għandhom minnufih jiċċirkolaw l-informazzjoni rilevanti lill-awtoritajiet ċentrali ta' l-Istati Membri l-oħrajn. ***Fejn fil-każ ta' paragrafu 1(b) il-proċedura ta' konsultazzjoni ta' qabel wasslet għal oġġezzjonijiet min-naħa ta' l-Istat Membru kkonsultat, l-informazzjoni relevanti għandha tkun notifikata lill-Istat Membru kkonsultat fi żmien raġjonevoli qabel ma tinħareġ il-viża.***

Ġustifikazzjoni

Fil-każ ta' l-Artikolu 5(1)(c) ukoll, l-applikant, bla dubju ta' xejn, m'għandux jitħalla jidħol aktar fiż-zona Schengen.

Jekk is-servizzi ta' sigurtà jkollhom dubji għandhom isiru konsultazzjonijiet qabel il-ħruġ ta' viża.

Emenda 36
Artikolu 22, paragrafu 2, punt (a)

a) id-detenturi ta' viża uniformi għal waqfa qasira jew ta' viża għat-tranżitu maħruġa minn Stat Membru,	a) id-detenturi ta' ***permess ta' residenza jew*** viża uniformi għal waqfa qasira jew ta viża għat-tranżitu maħruġa minn Stat Membru,

Ġustifikazzjoni

Din iġġib lura l-konsistenza mal-Konvenzjoni ta' Implimentazzjoni ta' Schengen (Artikolu

21(1)).

Emenda 37
Artikolu 31, paragrafu 1

1. L-awtoritajiet tal-kontroll fuq il-fruntiera jistgħu jiddeċiedu li jqassru t-tul ta' waqfa awtorizzata minn viża jekk jiġi stabbilit li d-detentur m'għandux mezzi xierqa ta' appoġġ għat-tul maħsub inizjalment tal-waqfa.	1. L-awtoritajiet tal-kontroll fuq il-fruntiera ***u l-awtoritajiet amministrattivi responsabbli ta' l-Istati Membri*** jistgħu jiddeċiedu li jqassru t-tul ta' waqfa awtorizzata minn viża jekk jiġi stabbilit li d-detentur mgħandux mezzi xierqa ta appoġġ għat-tul maħsub inizjalment tal-waqfa.

Ġustifikazzjoni

F'ħafna każi mhumiex l-awtoritajiet tal-kontroll fuq il-fruntiera li jaċċertaw dan it-tip ta' każ imma l-awtoritajiet fuq il-post li għalhekk għandhom ikunu f'posizzjoni li jqassru t-tul ta' żmien tal-viża lokali.

Emenda 38
Artikolu 35, paragrafu 2

2. L-awtoritajiet ċentrali ta' l-Istati Membri għandhom jipprovdu taħriġ adegwat kemm lill-impjegati espatrijati kif ukoll lil impjegati impjegati lokalment u għandhom ikunu responsabbli biex jipprovduhom b'informazzjoni kompluta, preċiża u aġġornata dwar il-liġi Komunitarja u nazzjonali rilevanti.	2. L-awtoritajiet ċentrali ta' l-Istati Membri għandhom jipprovdu taħriġ adegwat kemm lill-impjegati espatrijati kif ukoll lil impjegati impjegati lokalment u għandhom ikunu responsabbli biex jipprovduhom b'informazzjoni ***u b'edukazzjoni*** kompluta, preċiża u aġġornata dwar il-liġi Komunitarja u nazzjonali rilevanti ***kif ukoll dwar il-politika ta' Schengen dwar il-viża.***

Ġustifikazzjoni

Hu importanti li jkun hemm enfasi fuq il-bżonn ta' edukazzjoni xierqa għall-istaff. Konsli u staff konsulari sorprendentement ħafna drabi huma neqsin mit-tagħrif dwar kwistjonijiet ta' politika tal-viża li jwassal għal politika ta' Schengen mhix ċara.

Emenda 39
Artikolu 40, paragrafu 2 a (ġdid)

	2a. L-intermedjarji kummerċjali għandhom jiġu ttrattati b'mod ġust u

	ekwu. Huma għandhom jitħallew imexxu l-azzjonijiet kummerċjali tagħhom b'mod xieraq u promozzjonali.

Ġustifikazzjoni

L-intermedjarji kummerċjali m'għandhomx ikunu suġġetti għal restrizzjonijiet inġusti li jistgħu ifixklu l-attivitajiet kummerċjali tagħhom.

Emenda 40
Artikolu 40, paragrafu 2, punt (c)

(c) ***il-kuntratti mal-linji ta' l-ajru, li jridu jinkludu vjaġġi bir-ritorn iffissat 'il barra u ggarantiti.***	(c) ***arranġamenti ta' min joqgħod fuqhom għall-vjaġġi 'l barra bir-ritorn.***

Ġustifikazzjoni

Il-paragrafu ta' qabel huwa ristrittiv iżżejjed, minħabba li l-aġenziji l-ġodda f'ċerti pajjiżi spiss jagħmlu arranġamenti ta' trasport fuq l-art (akkomodazzjoni, trasport bil-kowċ, eċċ) fil-pajjiż tagħhom iżda m'għandhomx liċenzja biex ibiegħu t-trasport bl-ajru, (eżempju Spanja). Dawn l-aġenziji tat-turiżmu jiġu mċaħħda mill-possibilità li jipproċessaw applikazzjonijiet tal-viża.

Amendment 41
Article 41, paragraph 2

2. L-Istat Membru li jirrappreżenta u l-Istat Membru rrappreżentat jgħarrfu lill-pubbliku ġenerali dwar il-ftehimiet dwar arranġamenti kif previst fl-Artikolu 7 tliet xhur qabel ma dawn it-tipi ta' arranġamenti jidħlu fis-seħħ. Dan it-tagħrif għandu jkun fiha d-dettalji tal-kategoriji possibbli ta' l-applikanti li jridu japplikaw direttament f'missjoni diplomatika jew f'post konsulari ta' l-Istat Membru rrappreżentat.	2. L-Istat Membru li jirrappreżenta u l-Istat Membru rrappreżentat jgħarrfu lill-pubbliku ġenerali dwar il-ftehimiet dwar arranġamenti kif previst fl-Artikolu 7 ***kemm jista' jkun*** tliet xhur qabel ma dawn it-tipi ta' arranġamenti jidħlu fis-seħħ. Dan it-tagħrif għandu jkun fiha d-dettalji tal-kategoriji possibbli ta' l-applikanti li jridu japplikaw direttament f'missjoni diplomatika jew f'post konsulari ta' l-Istat Membru rrappreżentat.

Ġustifikazzjoni
Arranġamenti għal perjodu ta' żmien qasir li jirrigwardaw ir-rappreżentazzjoni jistgħu jkun meħtieġa fl-interessi ta' l-Istati Membri u ta' l-applikanti.

L-għoti ta' informazzjoni minn tliet xhur qabel m'hux possibbli.

Emenda 42
Artikolu 41, paragrafu 7 a (ġdid)

7a. L-informazzjoni għall-pubbliku ġenerali kif stipulata fil-punti minn 1 sa 7 għandha tkun disponibbli permezz tas-sit komuni ta' l-internet dwar il-viża Schengen.

Ġustifikazzjoni

Il-pubbliku ġenerali għandu jkollu aċċess faċli għall-informazzjoni dwar il-proċedura tal-viża. Dan huwa importanti sabiex ikun hemm iċ-ċarezza u t-trasparenza dwar il-proċedura għal dawk li japplikaw għall-viża.

Emenda 43
Artikolu 42, paragrafu 1

1. Sabiex tkun żgurata applikazzjoni armonizzata tal-politika komuni dwar il-viżi filwaqt li jiġu kkunsidrati, fejn xiera, iċ-ċirkostanzi lokali, il-missjonijiet diplomatiċi u l-postijiet konsulari ta' l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw f'kull ġuriżdizzjoni u ***jevalwaw il-ħtieġa li*** jistabbilixxu b'mod *partikolari*:	1. Sabiex tkun żgurata applikazzjoni armonizzata tal-politika komuni dwar il-viżi filwaqt li jiġu kkunsidrati, fejn xiera, iċ-ċirkostanzi lokali, il-missjonijiet diplomatiċi u l-postijiet konsulari ta' l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw f'kull ġuriżdizzjoni u jistabbilixxu b'mod *partikulari*:

Ġustifikazzjoni

Hemm il-ħtieġa li jkun hemm rekwiżit ċar ta' koperazzjoni, għax hemm bżonn li l-proċeduri tal-viża jiġu armonizzati f'kull ġuridizzjoni tal-koperazzjoni konsolari lokali sabiex ikun hemm l-aqwa koperazzjoni possibbli u biex tinħoloq immaġini komuni taz-zona tax-Schengen.

Emenda 44
Artikolu 42, paragrafu 1, subparagrafu 2

Jekk fir-rigward ta' wieħed jew iżjed mill-punti (a) sa (d), l-evalwar fi ħdan il-*kooperazzjoni* konsulari lokali tikkonferma l-ħtieġa għal approċċ armonizzat lokali, miżuri dwar dan l-approċċ armonizzat għandhom jiġu adottati skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 46(2).	Jekk fir-rigward ta' wieħed jew iżjed mill-punti (a) sa (d), l-evalwar fi ħdan il-*koperazzjoni* konsulari lokali tikkonferma l-ħtieġa għal approċċ armonizzat lokali, miżuri dwar dan l-approċċ armonizzat għandhom jiġu adottati skond il-proċedura prevista fl-Artikolu 46(2***a***).

Emenda 45
Artikolu 42, paragrafu 1a (ġdid)

1a. Qiegħed jinħoloq sit komuni ta' l-internet dwar il-viża Schengen sabiex jiżdied l-appoġġ għall-applikazzjoni tal-politika komuni dwar il-viża. Is-sit ta' l-internet dwar il-viża Schengen jippermetti l-ipproċessar tal-proċedura tal-viża.

Justification

Schengen is understood as a common space for mobility and it is widely perceived also outside the union. The Member States formulate national requirements for getting a visa, which makes them heterogeneous. The Visa Code foresees an extensive local consular cooperation where several consulates operate in the same town/region. The local consular cooperation shall, for instance, decide on common criteria for examining visa applications and the documents required. To further enhance the application of the common visa policy there is a need to establish a common Schengen visa internet site, www.schengenvisa.eu. Through the use of the Schengen internet site the applicant can handle some parts of the visa procedure. It shall enable applicants to acquire appointments, forms and information on the visa procedure. The site will progressively be developed so that application forms can be handed in through it.

Emenda 46
Artikolu 42, paragrafu 2 a (ġdid)

2a. Il-Koperazzjoni Konsulari Lokali għandha tistabbilixxi proċeduri koerenti li jippermettu lill-applikanti li jirreġistraw biex iressqu l-applikazzjonijiet permezz tat-telefon, ta' l-internet jew b'mezzi oħrajn.

Ġustifikazzjoni

Il-proċess tat-tressiq attwali ta' l-applikazzjoni ħafna drabi huwa l-izjed fażi diffiċli u twila. L-impressjoni ħażina ta' l-applikanti s-soltu tirrigwarda din il-fażi tal-proċedura ta'' l-applikazzjoni għall-viża. Għalhekk l-Istati Membri għandhom jorganizzaw aħjar u jarmonizzaw iżjed il-proċedura ta' qabel l-applikazzjoni. Din tnaqqas ukoll l-inċentivi għall-'visa-shopping'.

Emenda 47
It-Titolu V

IT-TITOLU V: ***Id-dispożizzjonijiet finali***	**IT-TITOLU V:** ***L-iffaċilitar tal-viża***

Ġustifikazzjoni

Hemmm bżonn ta' titolu ġdid għall-iffaċilitar tal-viża.

Emenda 48
Artikolu 42 a (ġdid)

Artikolu 42a

Il-valutazzjoni ta' l-impatt

Il-Kummissjoni għandha, fi żmien sentejn, tagħmel studju flimkien ma' kumpaniji tal-vapuretti tal-passiġġieri u ma' kumpaniji tat-turisti li jwettqu u jfornu servizzi fir-reġjuni tal-fruntieri taz-zona tax-Schengen, bil-għan li jitqiesu aħjar il-bżonnijiet speċjali ta' dawn l-attivitajiet.

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni ma tenfasizzax biżżejjed iċ-ċirkostanzi speċjali li ċerti attivitajiet kummerċjali jiffaċċjaw fir-reġjuni li jinsabu fil-fruntiera taz-zona tax-Schengen. Għalhekk hemm bżonn li jsir studju fil-fond dwar dawn il-ħtiġijiet sabiex ikollna iżjed fatti fuq xiex nibbażaw deċiżjonijiet futuri dwar l-introduzzjoni ta' proċedura tal-viża iżjed flessibbli.

Emenda 49
Artikolu 42 b (ġdid)

Artikolu 42b

Ftehimiet bilaterali rigward il-faċilitazzjoni tal-viża

Ftehimiet bilaterali li jkollhom l-għan li jiffaċilitaw l-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għal viżi ta' żjarat qosra jistgħu jiġu konklużi bejn il-Komunità u pajjiżi terzi.
Dawn il-ftehimiet għandhom jiġu konklużi wara li jingħata l-kunsens tal-Parlament Ewropew skond il-proċedura fl-Artikolu 300(3), it-tieni inċiż tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.
L-Istati li huma parti politika għall-viċinanzi u s-sħubija ta' l-Unjoni u li kkonformaw ma' l-istandards tal-

Komunità għandu jkollhom prijorità f'dawn l-arranġamenti. Il-ftehimiet bilaterali rigward il-faċilitazzjoni tal-viża għandhom isegwu l-linji gwida bażiċi stipulati minn dan ir-Regolament.

Ġustifikazzjoni

Pajjiżi terzi li jkollhom koperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri taz-zona Schengen għandu jkollhom il-possibilità li jiksbu trattament preferenzjali permezz ta' ftehimiet ta' faċilitazzjoni tal-viża. Madankollu huwa importanti li dawn l-arranġamenti jsegwu l-prinċipji tal-kodiċi tal-viża u li l-ideat prinċipali tal-faċilitazzjoni jkunu stipulati fil-kodiċi tal-viża. Il-Parlament għandu jkun informat bis-sħiħ, u fejn ikun meħtieġ, għandu jintalab jagħti l-kunsens tiegħu.

Emenda 50
Artikolu 42 c (ġdid)

Artikolu 42b

Ftehimiet bilaterali rigward il-faċilitazzjoni tal-viża

Ftehimiet bilaterali li jkollhom l-għan li jiffaċilitaw l-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għal viżi ta' żjarat qosra jistgħu jiġu konklużi bejn il-Komunità u pajjiżi terzi.
Dawn il-ftehimiet għandhom jiġu konklużi wara li jingħata l-kunsens tal-Parlament Ewropew skond il-proċedura fl-Artikolu 300(3), it-tieni inċiż tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Ġustifikazzjoni

Wara l-introduzzjoni tal-bażi tad-dejta għandu tkun iżjed faċli li tiġi segwita l-istorja tal-viża ta' l-applikanti u li jiġi deċiż jekk l-applikant ikunx jista' jiġi kunsidrat bħala applikant bona fide u jekk ikunx jista' jingħata termini ta' viża preferenzjali fil-proċedura tal-viża.

Il-faċilitazzjonijiet għandhom qabelxejn jiffukaw fuq dawk li jkollhom storja ta' viża nadifa.

Emenda 51
Artikolu 42 d (ġdid)

Artikolu 42d

Il-proċedura għat-tneħħija mis-sistema

	tal-viża
	Meta pajjiż terz jissodisfa l-kundizzjonijiet, bħal rati baxxi ta' rifjut, applikazzjoni ta' ftehim ta' admissjoni mill-ġdid, persentaġġ baxx ta' ċittadini li jibqgħu f'pajjiż għal żmien itwal milli tippermettilhom il-viża u għadd żgħir ta' individwi li jiġu ddeportati minħabba xogħol illegali, il-Kummissjoni għandha tipproponi li tneħħi l-obbligu tal-viża għal dan il-pajjiż skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 539/2001.

Ġustifikazzjoni

L-għan ta' din l-emenda huwa li tistipula proċedura ċara għat-tneħħija mis-sistema tal-viża meta pajjiż jissodisfa l-kriterji ta' sigurtà meħtieġa. Dan jagħmel lill-politika dwar il-viża Schengen iżjed trasparenti fir-rigward ta' pajjiżi terzi u jenfasizza l-fatt li l-għan aħħari huwa l-ivvjaġġar mingħajr viża. Din iż-żieda hija bbażata fuq il-ġustifikazzjoni 5 fir-Regolament (KE) Nru 539(2001).

Emenda 52
Titolu VI (ġdid)

	IT-TITOLU VI: Id-dispożizzjonijiet finali

Emenda 53
Artikolu 44, paragrafu 1

1. L-Annessi ***III, IV, V,*** VI, ***VIII, IX, X*** u XI għandhom jiġu emendati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 46(2).	1. L-Annessi VI u XI għandhom jiġu emendati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 46(2***a***).

Ġustifikazzjoni

Emenda 54
Artikolu 44, paragrafu 2

2. Mingħajr preġudizzju fuq l-Artikolu 47(2) it-tibdil fuq l-Anness ***I u II*** *għandhom jiġu deċiżi* skond il-proċedura	(2) Mingħajr preġudizzju fuq l-Artikolu 47(2) it-tibdil fuq *Annessi* ***oħrajn*** *għandu jiġi deċiż* skond il-proċedura ***msemmija*** fl-

stipulata fl-Artikolu ***46(2)***.	Artikolu ***251 tat-Trattat***.

Ġustifikazzjoni

Emenda 55
Artikolu 45

Struzzjonijiet ta' tħaddim li jistabbilixxu l-prattiki u l-proċeduri armonizzati li għandhom isegwu l-postijiet diplomatiċi u l-missjonijiet konsulari ta' l-Istati Membri meta jipproċessaw l-applikazzjonijiet għal viża għandom jitfasslu skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 46(2).	Struzzjonijiet ta' tħaddim li jistabbilixxu l-prattiki u l-proċeduri armonizzati li għandhom isegwu l-postijiet diplomatiċi u l-missjonijiet konsulari ta' l-Istati Membri meta jipproċessaw l-applikazzjonijiet għal viża għandom jitfasslu skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 46(2***a***).

Ġustifikazzjoni

Emenda 56
Artikolu 46, paragrafu 2 a (ġdid)

	2a. Fejn issir riferenza għal dan il-paragrafu, jkunu japplikaw l-Artikoli 5a (1) sa (4), u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'teħid inkonsiderazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artiklu 8 tagħha.

Ġustifikazzjoni

Emenda 57
Anness III, punt 15

15. ***L-Istat Membru tad-destinazzjoni prinċipali***	**15.** ***Stat(i) ta' destinazzjoni***

Ġustifikazzjoni

Kif propost, se jkun hemm possibilità estiża li wieħed japplika għal viża għand waħda mir-rappreżentazzjonijiet diplomatiċi jew konsulati li jirrappreżentaw il-pajjiżi li l-applikant ikun biħsiebu jżur. (Ara l-Artikolu 5.1(a) propost). B'hekk l-informazzjoni dwar il-pajjiżi li l-

applikant ikun biħsiebu jżur trid tkun iddikkjarata fl-applikazzjoni.

Emenda 58
Anness III, punt 20

20. L-għan tal-vjaġġ	**20. L-għan tal-vjaġġ *(immarka dik/dawk applikabbli għall-applikazzjoni tal-viża)***
Turiżmu Negozju Żjara lill-familja *jew* lill-ħbieb Kulturali Sports Żjara uffiċjali Raġunijiet mediċi Oħrajn (jekk jogħġbok ispeċifika):	**Turiżmu Negozju Żjara lill-familja *Żjara* lill-ħbieb Kulturali Sports Żjara uffiċjali Raġunijiet mediċi Oħrajn (jekk jogħġbok ispeċifika):**

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun hemm il-possibilità li wieħed jimmarka bosta raġunijiet għall-ivvjaġġar, għax dan jikkorispondi aħjar mar-realtà.

Hemm differenza fl-ipproċessar ta' l-applikazzjoni tal-viża għall-ħbieb u għall-membri tal-familja. Għalhekk hemm raġunijiet biżżejjed sabiex dan il-punt jinqasam f'żewġ punti differenti.

Emenda 59
Anness III, punt 23

23. Isem ta' l-ospitant fl-Istati Membri. Jekk dan ma japplikax, agħti l-isem tal-lukanda jew indirizz temporanju fl-Istati Membri.	**23. Isem ta' l-ospitant fl-Istati Membri. Jekk dan ma japplikax, agħti l-isem tal-lukanda jew l-indirizz temporanju fl-Istati Membri.**
indirizz (u l-indirizz ta' l-e-mail ta' l-ospitant)	**indirizz (u l-indirizz ta' l-e-mail ta' l-ospitant)**
numru tat-telefon (u tal-fax)	**numru tat-telefon (u tal-fax)**
	(M'għandekx għalfejn timliha, jekk għandek provi adegwati li għandek mezzi biżżejjed biex tkopri l-ispejjeż tas-susistenza u ta' l-akkomodazzjoni fl-Istat jew Stati ta' Schengen li biħsiebek iżżur.)

Ġustifikazzjoni

Mhix proporzjonata li tirrikjedi li l-vjaġġi ikunu ppjanati minn qabel f'kull dettal. L-applikant f'ħafna każi jintalab li jkun jaf id-dettalji ta' l-akkomodazzjoni u ta' l-itinerarji qabel it-tluq. Għandu jkun biżżejjed jekk l-applikant jista' juri li għandu mezzi suffiċjenti ta' għajxien u ta' akkomodazzjoni fejn ma jkunx hemm dubju dwar il bona fede ta' l-applikant. Għandu jkun

aċċettabbli li għal parti mill-vjaġġ l-applikant ma jkollux persuna kkonfermata li tilqgħu, lukanda jew indirizz temporanju.

Emenda 60
Anness X, paragrafu 2 a (ġdid)

Il-validità tal-viża għandha tkun xhar iżjed mill-perjodu awtorizzat mill-viża.

Ġustifikazzjoni

Għandu jitħalla perjodu ta' żmien flessibbli sabiex wieħed juża l-viża. Il-ġustifikazzjoni għal dan hija pereżempju, il-bidla tad-data ta' laqgħa, mard jew fatturi oħrajn li jikkawżaw dewmien. Perjodu ta' xahar jipprovdi l-flessibilità adegwata sabiex tiġi indirizzata r-raġuni għad-dewmien tal-vjaġġ.

Emenda 61
Anness X, paragrafu 4, subparagrafu 4 a (ġdid)

Jekk in-numru ta' ġranet hu inqas minn 90, in-numru ta' ġranet ifisser dak in-numru ta' ġranet fi żmien sitt xhur.

Ġustifikazzjoni

Kjarifika tar-regoli. Din il-prattika hija diġà applikata minn bosta Stati Membri taz-zona Schengen. Madankollu għadha mhix applikata mill-Membri kollha, u dan ikkawża xi konfużjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

I. L-isfond tal-proposta

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern bħalissa qiegħed jaħdem fuq diversi proposti leġiżlattivi li għandu jkollhom impatt sinifikanti fuq il-politika tal-pajjiżi tax-Schengen dwar il-viża:

- is-sistema ta' l-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)[1];

- adattament ta' l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni (CCI) li jintroduċu inter alia l-bijometriċi[2];

- il-proposta leġiżlattiva kurrenti li għandha l-għan li tirriforma l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u li tibdilhom f'Kodiċi Komunitarja dwar il-Viżi ġdida;

L-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni (CCI) bħalissa huma l-istrument bażiku li jmexxi l-proċeduri u l-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' viżi għal perjodu qasir, viżi ta' tranżitu u viżi ta' tranżitu ta' l-ajruport.

II. Proposta tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tippreżenta din il-proposta fil-kuntest tal-Programm ta' l-Aja, li jenfasizza l-ħtieġa li jkun hemm iżjed żvilupp tal-politika komuni dwar il-viża bħala parti minn sistema li hi maħsuba biex tiffaċilita l-ivvjaġġar leġittimu bil-viża u biex tindirizza l-immigrazzjoni illegali permezz ta' iżjed armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u iżjed prattiċi ta' pproċessar fil-missjonijiet konsulari lokali.

Sabiex jilħaq l-għanijiet tal-Programm ta' l-Aja u jsaħħaħ il-koerenza tal-politika komuni dwar il-viżi fir-rigward tal-ħruġ ta' dawn it-tipi ta' viżi msemmija hawn fuq, ir-Regolament

---

[1] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sistema ta' l-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' dejta bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (COM/2005/0835 final - COD 2005/0287).

Proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-konsultazzjoni tas-Sistema ta' l-Informazzjoni tal-Viża (VIS) mill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri responsabbli għas-sigurtà interna u mill-Europol għall-iskopijiet tal-prevenzjoni, l-iskoperta u l-investigazzjoni ta' reati terroristiċi u ta' reati kriminali serji oħrajn (COM/2005/0600 final - CNS 2005/0232).

[2] Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni dwar il-viżi għall-missjonijiet diplomatiċi u l-uffiċċji konsulari fir-rigward ta' l-introduzzjoni tal-bijometriċi inklużi dispożizzjonijiet dwar l-organizzazzjoni tar-riċeviment u l-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi. (COM (2006)0269).

propost jindirizza dan li ġej:

- *L-inkorporazzjoni f'Kodiċi uniku dwar il-Viżi tad-dispożizzjonijiet kollha li jirregolaw il-ħruġ tal-viżi u d-deċiżjonijiet dwar ir-rifjut, l-estensjoni, l-annullament, ir-revoka, u t-tqassir tal-viżi maħruġa:* dan ikopri Viżi ta' Tranżitu ta' l-Ajruport (ATV), il-ħruġ ta' viżi fil-fruntiera, l-annullament u r-revoka tal-validità tal-viża, l-estensjoni ta' viża diġà maħruġa, u l-iskambju ta' l-istatistiki. Fir-rigward ta' l-ATVs, sabiex jinkiseb l-objettiv ġenerali ta' l-armonizzazzjoni ta' l-aspetti kollha tal-politika dwar il-viża, ġiet abbandunata l-possibilità li Stati Membri individwali jimponu xi rekwiżit ta' l-ATV fuq ċerti nazzjonalitajiet.

- *Dimensjonijiet ġodda tal-proċedura għall-ħruġ tal-viżi:* il-ħolqien tas-Sistema ta' l-Informazzjoni dwar il-Viża fir-rigward ta' l-iskambju tad-dejta bejn l-Istati Membri dwar il-viżi għal żjarat qosra (VIS) se jibdel b'mod fundamentali l-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għall-viżi. Min-naħa l-waħda, l-Istati Membri se jiksbu aċċess b'mod awtomatiku għall-informazzjoni dwar il-persuni kollha li jkunu applikaw għal viża (fil-perjodu ta' 5 snin għaż-żamma tad-dejta). Dan se jiffaċilita l-verifika ta' l-applikazzjonijiet sussegwenti għall-viżi. Min-naħa l-oħra, l-introduzzjoni ta' identifikaturi bijometriċi bħala rekwiżit għall-applikazzjoni għal viża se jkollha impatt konsiderevoli fuq l-aspetti prattiċi ta' l-ilqugħ ta' l-applikazzjonijiet. Minħabba li l-VIS hi mistennija li tibda taħdem dalwaqt, il-Kummissjoni għażlet li taġġorna s-CCI fi proposta legali separata, li tistipula l-istandards għall-identifikaturi bijometriċi li għandhom jinġabru u tipprovdi sensiela ta' għażliet għall-organizzazzjoni prattika ta' missjonijiet diplomatiċi u ta' uffiċċji konsulari ta' l-Istati Membri għar-reġistrazzjoni ta' l-applikanti għall-viża kif ukoll għal qafas legali għall-koperazzjoni ta' l-Istati Membri li jkollhom fornituri tas-servizz esterni (1) (li l-Barunessa LUDFORD hija r-rapporteur tagħhom). Il-kontenut ta' dik il-proposta huwa mdaħħal fl-istruttura ta' din il-proposta u adattat għaliha. Il-proposta se tkun emendata wara li jkunu finalizzati n-negozjati dwar il-proposta separata. Id-dispożizzjonijiet għall-koperazzjoni ma' l-intermedjarji kummerċjali, bħall-aġenziji ta' l-ivvjaġġar u l-operaturi fit-turiżmu ssaħħu sabiex tkun ikkunsidrata din is-sitwazzjoni l-ġdida.

- *L-iżvilupp ta' ċerti partijiet ta' l-acquis:* il-Kummissjoni qiegħda tiddiskuti l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar żmien ta' ħruġ massimu; distinzjoni ċara bejn applikanti mhux admissibbli u applikanti li ġew rifjutati b'mod formali; trasparenza sħiħa dwar il-lista ta' pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom huma soġġetti għal konsultazzjoni preċedenti; formola armonizzata li tipprovdi prova ta' l-istedina, tal-ħlas mill-isponser u ta' l-akkomodazzjoni; obbligu li l-Istati Membri jinnotifikaw u jimmotivaw deċiżjonijiet negattivi; qafas legali biex jiġi żgurat metodu armonizzat għall-koperazzjoni kemm bejn il-missjonijiet diplomatiċi u l-postijiet konsulari ta' l-Istati Membri u kemm mal-fornituri kummerċjali tas-servizzi esterni; regoli obbligatorji għall-koperazzjoni bejn il-missjonijiet diplomatiċi u l-postijiet konsulari ta' l-Istati Membri u l-intermedjarji kummerċjali.

- *Kjarifika ta' xi kwistjonijiet sabiex titjieb l-applikazzjoni armonizzata tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi:* din tirrigwarda b'mod partikulari lil Viżi li jkollhom Validità Territorjali Limitata (LTV) u l-Assigurazzjoni Medika għall-Ivvjaġġar (TMI).

-Itejjeb it-trasparenza u ċ-ċertezza legali billi jiċċara l-istat legali tad-dispożizzjonijiet tas-CCI u l-Annessi tagħhom billi jneħħi mill-istrument legali dispożizzjonijiet li huma żejda jew li huma ta' natura operattiva prattika; l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni kurrenti fihom

tmintax-il anness li jinkludu numru ta' dispożizzjonijiet legali u siltiet varji ta' informazzjoni; listi ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma soġġetti għar-rekwiżiti tal-viża, eżenzjonijiet għal min ikollu ċerti tipi ta' dokumenti ta' vjaġġar, tabella ta' rappreżentazzjoni, dokumenti li jintitolaw lil dak li jkun li jidħol f'pajjiż mingħajr viża, speċifikazzjonijiet tekniċi eċċ. Sabiex jiġi ċċarat l-istatus legali ta' dawn l-annessi, il-Kummissjoni ddeċidiet li żżomm biss dawk l-annessi li huma konnessi b'mod dirett ma' l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet li hemm fil-korp tat-test, jiġifieri l-annessi I-XIII tar-Regolament. Barra minn dan, il-Kummissjoni qed tipproponi li tħassar ir-riferenzi għal dawn li ġejjin: viżi nazzjonali (viżi "D"); viża nazzjonali għal żjarat twal valida fl-istess ħin bħala viża ta' Schengen għal żjara qasira (il-viżi "D+C"); viżi kollettivi; Anness 2 u Anness 6 tas-CCI

- *L-applikazzjoni armonizzata fuq il-livell operattiv tal-"Kodiċi dwar il-Viżi":* il-Kodiċi dwar il-Viżi għandu jkun fih biss dispożizzjonijiet legali dwar il-ħruġ ta' viżi għal żjarat qosra u viżi ta' tranżitu kif ukoll dwar viżi ta' tranżitu ta' l-ajruport. Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri minn issa ma jkomplux bil-prattika attwali tagħhom li jfasslu istruzzjonijiet nazzjonali biex "jissovvrapponu" r-regoli komuni, għandu jitfassal sett wieħed komuni ta' istruzzjonijiet dwar l-applikazzjoni prattika tal-leġiżlazzjoni. Meta kienet qiegħda tipprepara l-proposta dwar il-Kodiċi dwar il-Viżi, il-Kummissjoni kkunsidrat b'mod parallel il-forma u l-kontenut ta' "l-Istruzzjonijiet dwar l-applikazzjoni prattika tal-Kodiċi dwar il-Viżi" li jistabbilixxu l-prattika u l-proċeduri armonizzati li għandhom ikunu segwiti mill-missjonijiet diplomatiċi u l-postijiet konsulari ta' l-Istati Membri meta dawn ikunu qegħdin jipproċessaw l-applikazzjonijiet għall-viżi. Dawn l-Istruzzjonijiet, li se jitfasslu fi ħdan il-proċedura provduta fit-Titolu V tar-Regolament, bl-ebda mod m'huma se jżidu obbligi legali għall-Kodiċi dwar il-Viżi iżda se jkunu biss ta' natura operattiva. Dawn għandhom ikunu finalizzati sad-data meta jidħol fis-seħħ il-Kodiċi.

Fl-aħħar, il-proposta tal-Kummissjoni tiddiskuti l-konsegwenzi ta' diversi protokolli li huma annessi mat-Trattati, minħabba li dan ir-Regolament se jibni fuq l-acquis ta' Schengen. Din tiddiskuti l-konsegwenzi fuq l-Istati l-Membri l-ġodda tal-proċedura f'żewġ stadji għall-istrumenti ta' implimentazzjoni li huma bbażati fuq l-acquis ta' Schengen.

III. Il-pożizzjoni tar-rapporteur

Ir-rapporteur hu tal-fehma li fil-biċċa l-kbira tal-punti l-Kummissjoni rnexxielha tidentifika l-problemi reali tal-prattika tal-viża fiz-zona tax-Schengen. Il-bżonn li jkun hemm koordinazzjoni aħjar fuq livell lokali, l-importanza ta' taħriġ ulterjuri kontinwu għall-impjegati fil-konsulati u s-sinifikat ta' aċċess faċli għal informazzjoni dwar ir-rekwiżiti li l-applikanti jridu jissodisfaw sabiex jiksbu viża kienu wħud mill-kwistjonijiet li r-rapporteur kien kapaċi jikkonferma fuq il-post fl-Alġerija, f'Kiev, f'San Pietruburgu u f'Varsavja. Bosta mill-innovazzjonijiet li hemm fil-proposta tal-Kummissjoni jfittxu li jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet.

Bil-maqlub ta' dan, kien diffiċli ħafna li jkun hemm djalogu ġenwinament miftuħ mal-ministeri responsabbli mill-politika dwar il-viżi. Il-mod kif jittieħdu d-deċiżjonijiet għadu influwenzat mit-tendenzi li żviluppaw matul dawn l-aħħar deċenji fi ħdan l-awtoritajiet tas-sigurtà, jiġifieri d-diskrezzjoni u n-nuqqas ta' rieda li jinformaw lill-bqija tad-dinja dwar l-

attivitajiet tagħhom. F'dan l-isfond, kien diffiċli, pereżempju, li wieħed jaċċerta kemm ċerti passi u rekwiżiti fil-proċess tal-viża huma tassew importanti. Il-politika dwar il-viża taz-zona tax-Schengen hija parti importanti ta' l-immaġini esterna ta' l-UE. L-emendi mressqa mir-rapporteur tiegħek ikopru ħames kategoriji ewlenin li huma diġà mfissrin fid-dokument ta' ħidma ta' Diċembru 2006. Dawn il-kategoriji huma dawn li ġejjin:
(1) Immaġini esterna komuni
(2) Impressjoni pożittiva u servizz għall-konsumatur
(3) Oqsma problematiċi u rimedji
(4) Għażliet politiċi tal-Komunità
(5) Kommunikazzjoni diretta

Dawn il-ħames suġġetti xprunaw sensiela ta' emendi. Iz-zona tax-Schengen hija zona ta' moviment ħieles u tirrapreżenta wieħed mill-iżjed proġetti ta' suċċess ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni. Bħala kunċett, iz-zona tax-Schengen ġiet aċċettata mhux biss fl-UE iżda wkoll barra l-UE, fejn it-terminu 'Viża Schengen' irċieva rikonoxximent ġenerali. Minkejja dan, għad fadal ħafna xi jsir sabiex iz-zona tax-Schengen ikollha immaġini esterna komuni. Pereżempju, għad m'hemmx websajt komuni għall-Viża Schengen. Ir-regoli dwar il-viża ta' konsulati differenti fl-istess lok jistgħu jvarjaw b'mod kunsiderevoli. Fejn Stat Membru ma jkollux rappreżentazzjoni f'post partikulari, bħal Spanja fil-Murmansk, m'huwiex possibbli li l-popolazzjoni lokali tikkuntattja lill-konsulat Finlandiż li jinsab hemmhekk. Minflok wieħed ikollu jivvjaġġa sa San Pietruburgu, li jinsab 24 siegħa 'l bogħod bit-tren, biex japplika għal viża Spanjola tax-Schengen għal vaganza komuni. Għandu jkun hemm rekwiżit permanenti għall-Istati Membri biex jikkonkludu ftehimiet ta' koperazzjoni ma' xulxin meta l-konsulat responsabbli jkun jinsab 'l bogħod iżżejjed. Il-bżonn ta' arranġamenti bħal dawn se jsir iżjed urġenti jekk jiġu introdotti l-identifikaturi bijometriċi, li fil-prattika jfisser li l-applikanti kollha jridu jattendu personalment fil-konsulat rilevanti.

Mingħajr ma jikkompromettu l-kwistjonijiet essenzjali ta' sigurtà, huwa importanti li l-konsulati tax-Schengen jadottaw metodi ta' ħidma li jkunu orjentati lejn il-konsumatur. Persuni li jkollhom jagħmlu vjaġġ eċċezzjonalment twil jew estremament diffiċli lejn l-eqreb konsulat (ġieli l-applikanti jkollhom, pereżempju, l-ewwel jivvjaġġaw lejn pajjiż ieħor li għalih ikun hemm bżonn ta' viża sabiex imbagħad ikunu jistgħu japplikaw għal viża għaz-zona tax-Schengen) għandu jkollhom l-opportunità li jagħmel tali vjaġġ darba biss. Ir-rapporteur jemmen ukoll li t-tariffa tal-viża trid tinżamm f'livell relattivament baxx (€35), u li xi kategoriji, bħal tfal li jkunu akkumpanjati mill-ġenituri jew minn persuni li jkunu parti minn programm ta' skambju, għandhom ikunu eżentati mit-tariffa. Barra minn dan, għandha tiġi estiża l-prattika li jinħarġu viżi bi dħul multiplu. Vjaġġaturi bona fide, jiġifieri persuni li jkunu rċevew Viża Schengen diversi drabi u li la qatt ikunu użawha ħażin jew kisru r-regoli taz-zona tax-Schengen, għandhom jibbenefikaw ukoll u mhux biss sempliċiment numru ta' kategoriji predeterminati bħal negozjanti, ċerti gruppi ta' studenti u qraba. Il-kategorizzazzjoni eċċessivament stretta tan-nies toħloq problemi ta' demarkazzjoni. X'jiġri meta xi ħadd ikun lesta n-negozjati kummerċjali tiegħu ma' kumpanija li tkun fiz-zona Schengen? X'jiġri ladarba wieħed ikun lesta l-istudji tiegħu, eċċ? Il-leġiżlatur ma jistax jiġġudika jekk vjaġġatur ikunx bona fide sempliċiment abbażi ta' tqegħid f'kategorija jew oħra. Għalhekk, meta ssir evalwazzjoni ta' applikazzjoni għal viża ta' xi ħadd, għandu jitqies ukoll ir-rekord passat tal-viża ta' dak li jkun. Barra minn dan, trid issir ukoll evalwazzjoni kritika ta' x'dokumenti tassew ikun jeħtieġ sabiex ikun jista' japplika għal viża u ta' kemm trid tkun dettaljata d-deskrizzjoni ta' l-itinerarju li jkun jeħtieġ iressaq.

Ir-rapporteur tiegħek sab xi nuqqasijiet li jistħoqqilhom attenzjoni ulterjuri. Fil-propsota tagħha l-Kummissjoni ma qisitx biżżejjed iċ-ċirkostanzi speċjali li jħabbtu wiċċhom magħhom il-vapuretti tal-passiġġieri li jaħdmu fir-reġjun Baltiku, fil-Mediterran u fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed. Illum hemm traffiku sostanzjali bejn l-Istati Membri ta' l-UE, iżda t-traffiku bejn iz-zona tax-Schengen u pajjiżi terzi huwa limitat ħafna, l-iżjed minħabba dawn ir-regoli tal-viża. Din il-kwistjoni għandha tiġi indirizzata iżjed fil-fond.

Huwa importanti wkoll li pajjiż terz ikun jaf x'kundizzjonijiet irid jissodisfa sabiex ikun eżentat mir-rekwiżit tal-viża. Ir-rapporteur jemmen li l-pajjiżi tax-Schengen iridu jfasslu regoli ċari għal meta pajjiż ikun eżentant mir-rekwiżiti tal-viża. Dan il-mekkaniżmu jrid ikun eżentat fuq il-kriterji li ġejjin: numru baxx ta' rifjuti, applikazzjoni ta' sponsorhip u ftehim ta' akkomodazzjoni, persentaġġ baxx ta' ċittadini oħrajn li joqgħodu għal perjodu itwal mill-validità tal-viżi tagħhom, numru baxx ta' persuni li jkunu ġew irrifjutati għal diversi raġunijiet, garanzija ta' dokumenti ta' vjaġġar ġenwini u spezzjonijiet effettivi fuq il-fruntieri.

Barra minn dan, il-politika ta' l-UE dwar il-viża trid tirrifletti l-prijoritajiet fundamentali tal-politika barranija tagħha. Fil-prinċipju, dan hu sodisfatt bl-eżistenza tal-ftehimiet li jissimplifikaw il-viża, iżda analiżi iżjed mill-qrib ta' dawn il-ftehimiet turi li dawn huma ta' natura minimalista. Ir-rapporteur jemmen li ftehimiet ta' faċilitazzjoni tal-viża għandhom ikopru wkoll kwistjonijiet prinċipali bħall-frekwenza ikbar ta' viżi maħruġin b'perjodu ta' validità ta' bosta snin, l-implimentazzjoni tad-dejta bijometrika u wkoll it-tnaqqis sinifikanti fit-tariffi. Barra minn dan, huwa importanti li l-Parlament Ewropew ikun involut fit-tfassil tal-mandati tan-negozjati ta' ftehimiet bħal dawn u fit-twettiq tan-negozjati. Huwa inkwetanti wkoll li bosta żgħażagħ li jgħixu fil-konfini ta' l-UE qatt ma siefru ta' l-inqas darba. L-Unjoni għandha r-responsabilità li ma tiżolax lil dawn in-nies. Jekk le, jistgħu jibdew jikbru tendenzi nazzjonalisti u radikali.